# Reġjun Tramuntana

112, Triq Ġulju,Bugibba San Pawl il-Baħar,SPB 2617

Email: regjun-tramuntana.dlg@gov.mt Tel:+35621572770


**Laqgħa Reġjonali Nru. 14 ta' 2024, miżmuma nhar il-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | L-Imġarr | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Membru |
| • Vincent Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Il-Mellieħa | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Alexander Mangion | Ħ'Attard | Delegat |

| | | |
|---|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv | |

Membri Skuzati:

| | | |
|---|---|---|
| • Christopher Deguara | In-Naxxar | Membru |
| • Dale Hayman | L-Imtarfa | Membru |

---

AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.13
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
5. Business Plan 2024 – 2028 (Abbozz)
6. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 6.1 Proċess biex jinħareġ permess għall-impjiegi ma' kunsill Reġjonali
   - 6.2 Apparat Elettroniku u inventarju
   - 6.3 Team Building – Milied 2024
   - 6.4 Literacy programme for children
   - 6.5 Attivita tal-Milied – Mosta
   - 6.6 Skemi maħruġa mid-divisjoni tal-Gvern Lokali – Ftehim Diċembru 2020
7. Affarijiet oħra
8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;
9. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fis-sitta nieqes kwart (17.45) ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindki Dott.Christopher Deguara u Dale Hayman talbu biex ikunu skużati minħabba impenji oħra. Il-kunsillier Aiken Żerafa attenda il-laqgħa bħala delegat fl-assenża tas-Sindku Joseph Gatt, u il-Viċi Sindku Alexander Mangion attenda il-laqgħa bħala delegat fl-assenża tas-Sindku Stefan Cordina.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.13**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa nru. 13 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proponiment il-kunsillier Norbert Dalli, issekondata mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

3. **Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Pest Control – Ħamiem u ġrieden**

Wara li saru diversi *request for quotes*, spezzjonijiet u anke laqgħat ma' xi residenti minħabba talbiet ta' kunsilli lokali biex nagħmlu dan, il-proċess ingħalaq u ser jiġu mixtrija diversi **bait traps** għal ġrieden u ventilaturi/xbieki biex titnaqqas il-problema tal-ħamiem. Dan kien ikkomunikat anke f'laqgħat ta' qabel u r-reġjun mhux ser jillimita ruħu għal dawn biss minħabba li ċerti ċirkostanzi jinħtieġu alternattivi diversi.

**3.2 Aġġornament dwar servizzi minn Go Mobile u Epic**

Saret reviżjoni tas-*service provider* tat-telekomunikazzjoni tar-reġjun. Għal xi raġuni, kien hemm diversi kuntratti skaduti li r-reġjun kien qed iħallas għalihom mingħajr ma jieħu l-ebda servizz. Sar ukoll tibdil fil-kuntratt tat-telephone li kien marbut mal-persuna tas-segretarju eżekuttiv preċedenti, u minflok il-kuntratt issa qed isejjaħ lir-reġjun b’servizzi aħjar u b’tariffa ħafna aktar vantaġġuża (tnaqqis ta’ ċirka 25%).

**3.3 ARMS LTD Account tar-Reġjun u arloġġi tal-ilma**

Wara bosta snin sar tibdil fil-kont tad-dawl u l-ilma tal-garage tar-reġjun (Triq Emanuel Pinto) li kien għadu jgħajjat lill-persuna li ilha nieqsa ħafna. Minflok, dan il-kont issa ġie mibdul u qiegħed isejjaħ lir-reġjun. Sar ukoll tibdil tal-arloġġi tal-ilma antiki kemm tal-garage kif ukoll tal-uffiċċju.

**3.4 Aġġornament dwar Synergies Project - DecEx Event 14/15 ta’ Diċembru 2024**

Tkomplew diskussjonijiet dwar is-simulazzjoni li ser issir f’Diċembru. Minħabba li ż-żmien qed joqrob, qed nitolbu l-parteċipazzjoni tal-kunsilli lokali billi iħeġġu gruppi bħal *scouts* u *girl guides* biex jipparteċipaw f’dan l-avveniment li ser iseħħ fit-13-15 ta’ Diċembru fil-White Rocks Complex, Pembroke. Ir-reġjun ser ikun qiegħed jgħin b’diversi modi mill-fondi tas-Synergies Project minħabba l-fatt li din is-simulazzjoni ser tkun parti minn dan il-proġett. Sfortunatament, l-organizzaturi ma setgħux isibu lokazzjoni disponibbli fir-reġjun tagħna li taqdi l-kunċett ta’ din is-simulazzjoni.

**3.5 Aġġornament dwar is-servizz tal-ġbir ta’ skart**

Ir-reġjun baqa’ jinsisti mal-kuntrattur sabiex jiġu rranġati diversi aspetti tas-servizz attwali kif kien miftiehem f’laqgħat oħra. Din il-ħidma kontinwa qed tagħti l-frott u diġà saru xi aġġustamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jifli bir-reqqa l-istatistika provduta mill-Wasteserv Ltd li tkopri l-perjodi Jannar 2023 – Awwissu 2024 minħabba li kien hemm diversi anomaliji li għandhom jiġu ndirizzati biex jirriflettu l-obligi tal-kuntratt. Minħabba nuqqas ta’ riżorsi u ħin, dan qed jieħu aktar tul ta’ żmien milli mistenni, u aġġornament dettaljat ser jingħata fil-laqgħa li jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni dettaljata ħafna rigward l-istatistika estensiva li għamel sa issa, u saret diskussjoni rigward il-mankanzi li rriżulta minn dawn l-istatistiċi.

**3.6 Una Notte Italiana**

Intalbet għajnuna finanzjarja mill-*Peace Band Naxxar* għal kunċert li ser jitella’ fil-Kulleġġ St Aloysius, Birkirkara. Din it-talba hija għal paketti ta’ sponsorship maqsuma f’Diamond (€1500), Platinum (€800), Gold (€400), u Silver (€200). Għaliex dan il-kunċert mhux ser isir għal benefiċċju tal-komunitajiet fi ħdan ir-reġjun, u minħabba li l-promoturi ta’ dan il-kunċert ġew mgħejjuna matul din is-sena diġà, fondi għal dan l-għan m’humiex ser jiġu allokati.

**3.7 Vjal Kulħadd/Mobility Week**

Il-kunsilli lokali qed jiġu mitluba biex jgħidu lir-reġjun jekk hemmx proposti sottomessi għal dawn l-iskemi.

**3.8 Proġetti u inizjattivi ta’ Kunsilli Lokali individwali ma’ entitajiet governattivi**

Il-kunsilli lokali qed jiġu mitluba biex jgħidu lir-reġjun jekk hemmx proposti jew inizjattivi maqbula jew finalizzati għal dawn l-iskemi.

**3.9 CDs Lydia Buttigieg Musical project**

Il-President informa li f'informazjoni li ngħatat preċedentament, ir-reġjun kellu jgħati għajnuna lill Dr. Lydia Buttigieg billi jinxtraw 500 CD, waqt Musical Project. Din id-deċizjoni ittieħdet waqt laqgħa li saret fis-26 ta' Settembru 2023. Il-membri iddiskutew li r-Reġjun għandu jaghmel kuntatt ma Dr. Lydia Buttigieg sabiex issir verifika u jekk din għada pendent, tirrisolva kemm jista jkun f'qasir żmien.

**3.10 Community Chest Fund - €2240**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Accountant ġibdet l-attenzjoni li r-Reġjun kien wiegħed pagament ta' elfejn, mitejn u erbghin ewro (€2,240) lill Community Chest Fund mill-beigħ tal-kotba 'Colours of the North'. Filwaqt li din is-somma qatt mantlaħqet, il-flus xorta iridu jiġu provduti lill-fondazzjoni u dan ser isir sa ma qabel tagħlaq is-sena 2024.

**3.11 Kuntratti tal-impjegati fir-Reġjun.**

Waqt reviżjoni tal-kuntratti tal-impjegati fi ħdan ir-Reġjun, ġew innotati diversi anomaliji u ir-Reġjun qiegħed fil-proċess sabiex dawn jitranġaw u jkunu konformi mal-informazjoni koretta. Kif ukoll sar kuntatt mal-Jobs Plus sabiex tiġi riveduta l-informazjoni ta' kull impjegat fuq il-portal tagħhom.

**3.12 Wied Għomor – San Ġwann**

Il-President ta' Reġjun Lvant informa il President Clifford Galea li ser isir riabilitazzjoni fuq ħames widien, fosthom Wied Għomor li parti minnu jagħmel mal-konfini tar Reġjun Tramuntana. Ġie mistoqsi jekk hemmx il-bżonn ta' għajnuna mir-Reġjun u ġie nformat li l-konferma u is-sapport ta' din l-inizjativa hija biżejjed.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija minn naħa tal-membri.

**5. Business Plan 2024 – 2029**

Ser jintbagħat abbozz ta' *business plan* lis-sindki u lis-segretarji eżekuttivi għall-kummenti tagħhom. Dan ser jiġi ppreżentat flimkien mal-baġit tat-tielet kwart tas-sena.

**6. Aġġornamenti u diskussjoni**

**6.1 Proċess biex jinħareġ permess għall-impjiegi ma' Kunsill Reġjonali**

Inħass il-bżonn li ssir sejħa għal żewġ impjegati għal Skala Ħmistax biex jiġu ingaġġati fi ħdan ir-reġjun, dan għaliex ix-xogħol żdied bil-bosta u huwa meħtieġ għal qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tar-reġjun u biex ix-xogħol ikun imqassam aħjar. Dan iwassal li fil-futur l-impjegati jkollhom ċans jiġu promossi fi skali ogħla. Ser isiru diskussjonijiet mal-accountant biex jiġu allokati fondi għal dan l-għan fil-baġit tas-sena d-dieħla. Fuq proponiment tal-President Clifford Galea issekondata mil-Viċi President Dott.Angelo Micallef kien hemm qbil unanimu.

**6.2 Apparat Elettroniku u Inventarju**

Minkejja bosta sforzi biex ikun determinat b'aktar preċiżjoni l-ammont ta' għodda u apparat elettroniku li nxtraw matul iż-żmien biex jiġi aġġornat l-inventarju kif meħtieġ, dan irriżulta li huwa diffiċli ħafna minħabba nuqqas ta' rendikonti xierqa, żamma ta' dokumenti u irċevuti, u

deskrizzjoni vaga jew ineżistenti fil-minuti. Filwaqt li dawn il-prattiċi inbidlu, u minn ftit xhur ilu l-inventarju qiegħed jinżamm kif xieraq, ma nistgħux ma ninnutawx in-nuqqas ta’ bosta apparat, fosthom *MacBook* li kien fit-tiswija u issa allegatament intrema mingħajr ebda dokumentazzjoni u mingħajr ma ġiet segwita proċedura.

Madankollu, ġejna informati li hemm il-bżonn isir aġġornament fis-software tas-*Sage* fejn trid issir diviżjoni ċara tan-nominal codes, u din trid issir fil-bidu tas-sena d-dieħla. Wara dan il-proċess ikun jista’ jiġi emendat l-inventarju kif ukoll il-*write-offs*. Mill-informazzjoni li ngħatat lis-segretarju eżekuttiv, dan kellu jsir qabel. Fuq proponiment tal-Viċi President Dott. Angelo Micallef, issekondata mis-Sindku Gabriel Micalled kien hemm qbil unanimu.

**6.3 Team Building – Milied 2024**

Intbagħtu talbiet għal kwotazzjonijiet għall-attività tat-team building u dawn qegħdin jiġu evalwati. L-attività tat-team building se ssir nhar l-11 ta’ Diċembru 2024, wara l-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li se ssir f’dik l-istess ġurnata. Ir-reġjun għamel ukoll talba għal venues alternattivi li jinsabu ġewwa r-reġjun fejn tista’ ssir l-attività, minflok fl-uffiċini amministrattivi tar-reġjun, sabiex il-parteċipanti jiġu milqugħa f'ambjent aktar xieraq. Għal din l-okkażjoni se jiġu ppreżentati wkoll mementos lis-Segretarji Eżekuttivi li rtiraw jew ħallew il-kunsilli lokali tar-reġjun. Wara diskussjoni fejn is-Sindku Paul Vella offra li dan l-avveniment ser isir fis-Sala tal-Kunsill l-Imġarr, ir-Reġjun ser ikun qiegħed jikonsidra din l-offerta u jieħu l-aħjar deċizjoni dwar dan l-avveniment. Fuq proponiment tal-Viċi President Dott. Angelo Micallef, issekondata mis-Sindku Paul Vella kien hemm qbil unanimu li l-ispiza m’għandiex taqbes it-tlett elelf u erba mitt Ewro (€3400).

**6.4 Programm ta’ Qari għat-Tfal**

Ir-Reġjun irċieva proposta minn Reading Club International biex nieħdu sehem u ngħinu f'programm mifrux fuq tmien ġimgħat bil-għan li titjieb il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali tat-tfal, inkluż it-tisħiħ tal-ħila tal-qari, il-ħolqien kreattiv u diġitali bażiku, l-istejjer u l-kollaborazzjoni bejn il-pari. Dan il-programm huwa importanti ħafna għax jgħin it-tfal isaħħu mhux biss il-ħiliet fil-qari u l-kitba, iżda anke l-ħiliet kreattivi u diġitali tagħhom, li huma essenzjali fl-era diġitali tal-lum. Fl-aħħar ġimgħa tal-programm, se ssir wirja u ċelebrazzjoni tal-ħidma tat-tfal, segwita minn preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Ġejna mitluba nikkontribwixxu madwar €2000 għal dan il-programm għall-benefiċċju tal-lokalitajiet kollha tar-reġjun. Il-programm huwa ppjanat li jibda fit-14 ta' Jannar 2025. Fuq proponiment tal-Kunsillier Alexander Mangion issekondata mil-President Clifford Galea kien hemm qbil unanimu.

**6.5 Attività tal-Milied – Mosta**

Irċevejna talba mill-Fondazzjoni Rotunda tal-Mosta (VO 2346) biex nagħtu kontribuzzjoni ta’ €3,000 biex inkopru l-ispejjeż relatati mal-“fun train” li se jintuża fil-Villaġġ tal-Milied, li huwa ppjanat għat-30 ta’ Novembru u l-1 ta’ Diċembru 2024. Dan il-vjaġġ bil-ferrovija hu ppjanat biex jiggwida lil dawk li jattendu, kemm tfal kif ukoll adulti, fl-iskoperta ta’ postijiet storiċi, u fl-istess ħin jagħtihom tagħrif kulturali u soċjali waqt li jduru mal-Mosta. Il-Fondazzjoni ppreżentat rapport dettaljat ħafna, u nixtiequ nieħdu din l-opportunità biex nirringrazzjawhom għax-xogħol siewi li għamlu u li segwew l-istruzzjonijiet tagħna. Madankollu, m’għandniex il-fondi meħtieġa biex inwieġbu għat-talba sħiħa tagħhom għal din l-attività, u nixtiequ ninnutaw li l-fondi allokati għall-avvenimenti kulturali (ta' €20,000) diġà ġew użati mill-Kunsill Lokali tal-Mosta. Fis-sens ta' kollaborazzjoni u rieda tajba, qed nissuġġerixxu li ngħinu lill-Fondazzjoni b’somma massima ta’

€1,000, u nissuġġerixxu wkoll li dawk li jieħdu sehem iħallsu tariffa nominali massima ta’ €2 sabiex jgħinu jkopru l-ispejjeż li jibqgħu. Fuq proponiment tal-President Clifford Galea issekondata mill-Kunsillier Norbert Dalli kien hemm qbil unanimu.

**6.6 Skemi maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali – Ftehim Diċembru 2020**

Ġejna nfurmati mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li r-reġjun huwa mistenni jrodd lura lid-diviżjoni diversi eluf ta' ewro (madwar €232,470) ta’ fondi mhux użati minn diversi skemi ta' għotjiet SPI li jkopru l-perjodu mill-2020 sal-2022. Filwaqt li nħeġġu lil kull Kunsill Lokali jippreżenta kull prova ta’ ħlas relatata ma’ dawn l-iskemi (SPI/SCI/5/2020; SPI/SCI/2/2021; SPI/SCI/3/2021; SPI/SCI/6/2021; SPI/SCI/8/2021; SPI/SCI/9/2021; SPI/SCI/1/2022; SPI/SCI/5/2022; SPI/SCI/7/2022; SPI/SCI/8/2022; BM338(2020)), se niltaqgħu mad-diviżjoni bit-tama li jingħatalna ċ-ċans li nużaw dawn il-fondi jekk possibbli. F’komunikazzjonijiet preċedenti jidher li l-amministrazzjoni preċedenti kienet komda li ċċedi dawn il-fondi.

**7. Affarijiet oħra**

Is-Sindku Perit Vincent Galea talab l-informazjoni jekk ir-Reġjun huwiex fil-ħsieb li iżomm postu u post it-Tribunal ġewwa iċ-Ċentru Ċiviku f’San Pawl il-Baħar, u jekk dan huwa ikkonfermat talab li issir laqgħa sabiex jiġi deteminat l-ispazju li ser ikun hemm bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ser isir u laqgħa l-proposta biex issir laqgħa biex tiġi diskussa aktar fid-dettal din l-informazzjoni.

**8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 180 għall-perjodu ta’ bejn l-13 ta’ Settembru 2024 u l-10 ta’ Ottubru 2024. L-Iskeda mmsemmija ġiet approvata mill-proponent il-Viċi President Dott. Angelo Micallef, issekondata mis-Sindku Paul Vella. Il-membri qablu unanimament.

**9. Aġġornament;**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs (19.30) ta’ filgħaxija. Il-membri qablu unanimament li s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta’ Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum l-Erbgħa 27 ta’ Novembru 2024